IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | I |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2013 |
| ĦIN: | mid-9:00 a.m. sal-10:45 a.m. |

***Wieġeb it-taqsimiet kollha tal-karta.***

***L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.***

## L-EWWEL TAQSIMA

**Il-Komponiment** **(25 marka)**

**1. Ikteb madwar 400 kelma dwar wieħed minn dawn is-suġġetti:**

a. Il-bniedem bieżel.

b. Il-librerija tal-iskola tiegħi.

ċ. Ma kienx mument li weġibt it-telefown.

d. L-anzjani fis-soċjetà tal-lum.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IT-TIENI TAQSIMA**

**Fehim it-Test** **(50 marka)**

**Aqra sewwa din is-silta.**

F'dawn il-ġranet qegħdin naraw fiċ-ċinematografi "Peter Pan", magħmul minn Walt Disney. James Barrie introduċa fil-letteratura Ingliża, anzi tista' tgħid fil-letteratura internazzjonali, it-tifel Peter Pan li ma jikber qatt u li jibqa' dejjem tifel. Tista' tgħid li llum Peter Pan hu karattru magħruf mad-dinja kollha. Bħal Pinocchio ta' Collodi. U Alice ta' "Alice in Wonderland". Tant illi fl-Ingilterra, f'Kensington Gardens, f'wieħed mill-postijiet sbieħ ta' Londra, hemm l-istatwa ta' Peter Pan isejjaħ lit-tfal madwaru. L-istorja ta' Peter Pan hi storja ta' avventuri qalb is-sħarijiet, il-pirati u r-Red Indians. Iżda Peter Pan baqa' jissemma u jibqa' jissemma għaliex kien tifel li ma jista' jikber qatt. Kien tifel li baqa' tifel mat-tfal ta' kull ġenerazzjoni. L-awtur tiegħu James Barrie, li sar ċelebri bih, irregala r-'royalties', jiġifieri <u>d-dħul kollu li tirrendi din l-opra</u>, bħala ktieb u bħala reċta, lill-isptar tat-tfal f'Londra, il-famuż Sptar fi Triq Ormond. B'hekk Peter Pan, li ma jikber qatt, qiegħed jgħin lil ħafna tfal morda biex ifiequ u jistgħu jikbru.

Peter Pan jogħġobna lkoll għaliex qiegħed ġo fina. Aħna lkoll, avolja xagħarna jibda jaqa' u jitfaċċa t-tikmix f'wiċċna u nħossu l-piż tal-età fuq spallejna, b'danakollu donna għadna nsibu f'qalbna xi ħaġa li ma tridx tikber. Xi ħaġa li għad għandha bżonn taqbeż u tilgħab u tidħak u tiġri u tifraħ b'kollox u b'kulħadd. Avolja <u>doqna lkoll l-imrar tal-ħajja</u> u nafu li hemm imrar ieħor lest għalina, avolja sirna nifhmu li mhux deheb dak kollu, li fl-esperjenza tagħna konna narawh ileqq, u m'hemmx ward u żahar fuq it-triq tagħna, b'danakollu kulħadd, imqar f'ġurnata bnazzi u x-xemx tar-rebbiegħa, inħossu l-bżonn li nerġgħu nsiru tfal u donna nemmnu li ġo fina għadna tfal u ma rridux nikbru.

Min irid jikber fil-ħajja? Liema tifel kieku jaf x'ser jitlef u x'ser isib ikun mgħaġġel, kif inhuma mgħaġġlin it-tfal kollha, biex isir ġuvni u raġel u jagħmilha mal-kbar? Il-ħajja hija mimlija pirati. Iżda biex tieħu gost tiġġieled mal-pirati trid tkun taf tibqa' tifel bħal Peter Pan. Trid tkun taf ittir. U biex tista' ttir trid temmen fis-sħarijiet. U biex tibqa' temmen fis-sħarijiet ma tridx tkun taf x'tagħti d-dinja. <u>Malli tmiss mad-dinja u dduq il-frott tagħha</u> s-sħarijiet jispiċċaw u ma ttirx aktar. U aktar ma kont fil-għoli iktar tieħu sabta kbira.

Ħmerijiet? Stejjer tat-tfal? Fantasiji? Le, hemm xi ħaġa aktar mill-fantasija f'Peter Pan. Hemm fih il-poeżija tal-innoċenza. Tal-innoċenza li, biex tibqa' safja, trid ma tikbirx. Trid tibqa' tfal. U din hi verità kbira fil-ħajja. U tal-ħajja soprannaturali wkoll. Il-qaddisin kollha, in-nies verament kbar tal-umanità li għallmu d-dinja, il-għorrief tal-knisja, il-martri, ir-riformaturi kbar, li biddlu wċuħ is-sekli, kienu lkoll, fl-umiltà tagħhom, li hi inseparabbli mill-qdusija, kienu lkoll bħal tfal ġo qalbhom. Kienu lkoll bħal dawk it-tfal li Kristu sejjaħ lejh u li qal li min ma jixbahx lilhom ma jistax jidħol fir-renju tas-sema.

(Silta adattata mit-tieni ktieb <u>Jien Inħobb Nitkellem Magħkom</u> ta' Herbert Ganado.)

**2. Mistoqsijiet** (2 marki kull mistoqsija)

**Wieġeb kull mistoqsija FI KLIEMEK. Jitnaqqsu l-marki jekk it-tweġibiet ikunu kkuppjati kelma b'kelma mis-silta.**

a. X'hemm interessanti fil-karattru ta' Peter Pan?

b. X'għamel James Barrie biex seta' jgħin lit-tfal morda fl-isptar magħruf fi Triq Ormond?

ċ. Għaliex taħseb li l-karattru ta' Peter Pan jogħġob ukoll lill-adulti u saħansitra lill-anzjani?

d. Xi jrid ifisser il-kittieb meta jgħid "Il-ħajja hija mimlija pirati."?

e. Il-kittieb kif jaraha r-realtà tal-ħajja adulta?

f. X'hemm speċjali fil-ħajja tat-tfal?

**3. Lessiku / Għarfien tal-Lingwa fl-Aspetti Tagħha**

a. Fisser fi kliemek dawn il-kelmiet skont is-sens tas-silta: (6 marki)

i. ...d-dħul kollu li tirrendi din l-opra... (paragrafu 1)
ii. ...doqna lkoll l-imrar tal-ħajja... (paragrafu 2)
iii. Malli tmiss mad-dinja u dduq il-frott tagħha… (paragrafu 3)

b. Liema kelma, frażi jew sentenza fis-silta għandha din it-tifsira? (6 marki)

i. Postijiet fejn jintwerew il-films (paragrafu 1)
ii. Jibdew jidhru sinjali tax-xjuħija (paragrafu 2)
iii. Jikber (paragrafu 3)

**4. Lingwa u Grammatika** (18-il marka)

a. Mill-ewwel paragrafu sib u ikteb nom proprju.
b. Oħroġ nom mill-verb *introduċa*.
ċ. Agħti l-mamma u l-għerq tal-verb *jogħġobna*.
d. Aqleb għall-passat *għadna tfal u ma rridux nikbru*.
e. Ta' liema forma hu l-verb *tiġġieled*?
f. Minn liema kelma hu mnissel il-verb *jissemma*?
ġ. Aqleb għall-femminil singular *donna għadna nsibu*.
g. Sib u ikteb partiċipju passiv mit-tielet paragrafu.
għ. Oħroġ aġġettiv min-nom *fantasija*.
h. Mir-raba' paragrafu sib u ikteb frażi fl-Istat Kostrutt.
ħ. Oħroġ verb mill-għerq tan-nom *sħarijiet*.
i. Fit-tieni paragrafu, għal liema kelma qed jirreferi l-pronom mehmuż 'h' fil-verb *narawh*?
ie. Agħti kelma waħda flok *it-triq tagħna*.
j. Agħti s-singular ta' *għorrief*.

**5. Aspett Simboliku** (8 marki)

a. Fisser fi kliemek dawn iż-żewġt iqwiel:

i) Mhux kull ma jleqq hu deheb.

ii) Min jogħla ħafna jieħu sabta kbira.

b. Ikteb sentenza b'kull waħda minn dawn l-idjomi biex toħroġ it-tifsira tagħhom:

i) aħmar nar;

ii) baqa' tifel.

## IT-TIELET TAQSIMA

**6. Wieġeb mistoqsija waħda:** (10 marki)

a. Immaġina li int Lino/Lina Borg u toqgħod 10, Triq ir-Rumanzieri, Ħaż-Żgħir ĦŻR1311. Ikteb ittra ta' madwar 100 kelma lil ħabib/a tiegħek li ilek taf għal żmien twil u li j/taħdem fl-isptar tal-annimali biex titlob parir dwar kif tista' tieħu ħsieb sew qattus/kelb li għadek kemm addottajt minn santwarju tal-annimali.

**JEW**

b. Int għandek post ta' villeġġjatura u trid tbigħu. Ikteb reklam ta' madwar 100 kelma biex tħajjar lil xi ħadd jixtrih.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

# LIVELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

## SESSJONI SETTEMBRU 2013

| | |
|---|---|
| SUĠĠETT: | **Il-Malti** |
| KARTA NUMRU: | II B |
| DATA: | 4 ta' Settembru 2013 |
| ĦIN: | mill-4:00 p.m. sas-6:00 p.m. |

Wieġeb **erba'** mistoqsijiet:

- **tnejn** mill-Ewwel Taqsima – *Ir-Referenza għall-Kuntest* – (waħda poeżija minn 1 u 2, u waħda proża minn 3 u 4),

U

- **tnejn** mit-Tieni Taqsima – *Il-Komponiment Letterarju* – (komponiment wieħed minn kull sezzjoni ta' din it-taqsima).

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## L-EWWEL TAQSIMA
## Taqsima Poeżija
## Ir-Referenza għall-Kuntest
## Tema: *Tifkiriet*

Agħżel POEŻIJA WAĦDA minn poeżija 1 jew poeżija 2.

**1. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

***Mal-Ewwel Qtar,*** Raymond Mahoney

Issa li għanjet il-werżieq iddgħajfet
u l-ewwel qtar iżżerżqu fuq il-ħmura
tar-rummiena titgezzez qalb il-frieġħi
ġol-għalqa li qed tfewwaħ il-ħamrija,
u issa li mill-ġdid bexxaqna t-twieqi
għall-ewwel fewġa li bil-qajla ħarrket
il-weraq żgħar ta' wardet imħabbitna
li dbielu fl-għatx ta' sajf indifferenti,
niftakar ta' tfuliti 'l fwejjaħ nodfa
t'għodwiet imbenna f'ħarset omm żagħżugħa,
tat-tfal fil-btieħi l-ilħna ferriħija,
ta' stejjer li ħallmuni kull flgħaxija,
u dwejra tisma' d-diwi f'mewġ il-baħar
fi ljieli mwennsa mil-lampier ħamrani
ta' tifkiriet l-imqades, bla mimsusa
f'moħħ tfajjel tal-preċett.
Issa li l-ewwel xita 'l ġbini ħaslet
erġajt mill-ġdid bħat-tfajjel żgħir ta' darba
nithenna bil-ħuttaf jilgħab titjir'tu,
nistenna l-bewsa t'ommi taħt il-friex.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din il-poeżija. 4 marki

b. (i) F'liema staġun tas-sena qiegħed jikteb il-poeta? marka
(ii) Ikkwota tliet frażijiet jew sentenzi li juru dan. 3 marki

ċ. X"effett joħloq il-poeta bil-vers: *"t'għodwiet imbenna f'ħarset omm żagħżugħa."*? 3 marki

d. Fisser għal liema raġunijiet din il-poeżija tidħol fit-tema **Tifkiriet**. 4 marki

**JEW**

**2. Aqra sewwa din il-poeżija u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

(silta minn) ***Żjara lil Ġesù***, Dun Karm Psaila

[...]

Xħin ħriġt mill-knisja
kien beda jroxx id-dlam, u f'wiċċ is-sema
kienet ġa bdiet tixref xi kewkba. Waħdi
arġajt għal għonq it-triq bejn raba' u baħar;
u smajt darb'oħra qalb il-blat tax-xtajta
tħaxwex il-mewġa, u żiffa ħelwa tvenven
qalb il-weraq tas-siġar; imma siekta
kienet il-plajja, u ma kontx tisma' iżjed
il-għanja ħelwa tar-ragħaj u l-bidwi
mal-ilħna u ċ-ċempil tal-qniepen ċkejkna.
Il-lejl kien riesaq ... riesaq ... iżda f'moħħi
safa dawl isbaħ minn tax-xemx, u f'qalbi
tnissel ferħ ġdid; – Hekk is-Sema jitkellem? –
ma ħsibtx aktar fl-imgħoddi; id-dmugħ kien niexef
minn xfar għajnejja, u bħala kewkba sbejħa
fuq ħajti dak il-ħin iddiet it-Tama.

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' poeżija. 4 marki

b. (i) Sib u ikteb minn din is-silta żewġ eżempji ta' onomatopea. 2 marki
(ii) Fisser l-effett li joħloq il-poeta f'wieħed miż-żewġ eżempji li ktibt. 2 marki

ċ. (i) F'liema ambjent qiegħed il-poeta? 2 marki
(ii) Ikkwota żewġ kelmiet jew frażijiet li juru f'liema ambjent qiegħed il-poeta. 2 marki

d. *"...iżda f'moħħi*
*safa dawl isbaħ minn tax-xemx..."*
(i) Xi jfisser il-poeta bil-kelma *"dawl"*? marka
(ii) Għaliex beda jħoss dan id-dawl ġo moħħu? 2 marki

**Taqsima Proża**
**Ir-Referenza għall-Kuntest**
**Tema: *Tifkiriet***

Agħżel PROŻA WAĦDA minn proża 3 jew proża 4:

**3. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

*Silta minn* ***Il-Vapur tal-Art***, Kilin

[...]

Il-vapur żied fil-ħeffa bir-roti sejrin "ċiki – ċiki – ċú; ċiki – ċiki – ċú". Meta jdur lejn il-lemin narah kollu, il-magna ttajjar il-fwar u d-duħħan, bir-roti kollha marbutin ma' ħadida twila tielgħa u nieżla, u l-ħames vaguni ta' quddiem tagħna. Qisu mhux qed jimxi. Id minn tieqa tal-vagun l-ieħor telqet karta barra, u din għaddiet tiġri ma' wiċċi, u baqgħet sejra tinqaleb u tinbaram sakemm ma rajthiex iżjed.

Għaddiet kamra żgħira ħamra, u ħdejha l-għassies bil-bandiera. Wasalna fi stazzjon kbir, mimli siġar kbar. Il-linja nferqet fi tnejn u xħin waqafna biex jinżlu u jitilgħu n-nies, rajt vapur ieħor wieqaf. It-tfal fit-twieqi baqgħu jħarsu lejna kurjużi. Bdejna mexjin imma ma ħassejt l-ebda ċaqliqa tal-vagun. Indunajt li mhux il-vapur tagħna kien telaq imma l-ieħor, sejjer lejn ir-Rabat. Imma ma domniex ma tlaqna aħna wkoll.

Meta rġajna waqafna kien fi stazzjon kbir fejn kien hemm ħafna linji msallbin 'l hawn u 'l hemm, uħud minnhom deħlin f'tinda kbira tal-ħadid. L-art hawnhekk kollha sewda bil-faħam. Mit-tinda l-kbira ħarġet bil-mod magna ta' vapur mingħajr vaguni, u waqfet fin-nofs. Kellha n-numru disgħa fuq il-ġenb. Xtaqt nibqa' hemm nara dawn il-magni u nisma' l-ħafna ħsejjes, ġodda għalija, ta' mrietel kbar fuq ħadid, tisfir u ċekċik, imma malajr tlaqna.

Wara ftit għaddejna bil-ħeffa minn fuq pont, u taħtna rajt għaddej karozzin. Kont għadni nħares lejh meta waqa' dlam ċappa u mit-tieqa daħal ħafna duħħan li ħaraqli għajnejja. Iz-zija ġibditni ġewwa u għalqet it-tieqa. Konna fil-mina, qisna bil-lejl, b'daqsxejn ta' xemgħa fuq il-bieb tal-vagun tagħti dawl batut li donnu jżid id-dlam flok inaqqsu. Il-ħsejjes inbidlu, saru "tuku-tuku-tù; tuku-tuku-tù".

Fl-aħħar il-vapur naqqas mill-ġiri u ħriġna għad-dawl iweġġa' u jgħammex l-għajnejn. U dħalna bil-mod f'mina oħra, b'saqaf għoli ħafna. Kien l-istazzjon taħt l-art tal-Belt.

[...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. 4 marki

b. (i) Sib u ikteb żewġ eżempji ta' onomatopea li nsibu fis-silta. 2 marki
   (ii) Għaliex il-ħsejjes huma differenti? 2 marki

ċ. X'inhi r-raġuni li l-awtur jgħid: *"Xtaqt nibqa' hemm nara dawn il-magni u nisma' l-ħafna ħsejjes …"*? 2 marki

d. Fisser il-kuntrast li jibni l-awtur fl-aħħar żewġ paragrafi tas-silta. 2 marki

e. (i) Għid għaliex taħseb li din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema **Tifkiriet**. 2 marki
   (ii) X'emozzjonijiet ħass l-awtur? marka

**JEW**

**4. Aqra sewwa din is-silta u wieġeb il-mistoqsijiet dwarha:** 15-il marka

*Silta minn* ***L-Ewwel Darba li Ltqajt Magħha***, Trevor Zahra

[...]

Meta tlett ijiem wara rġajt mort nara film ieħor, ittamajt li sa naraha. Iżda ma rajthiex. Għaddew xi tliet ġimgħat u ma ħsibtx aktar fiha. Kien sewwasew quddiem it-teatru l-imwaqqa' li rġajt ġejt wiċċ imb wiċċ magħha. Għarfitni u waqfet tkellimni minnufih. Ma nafx x'għedna u m'għedniex, u jien, f'nofs il-fixla li qabditni, offrejtilha nwassalha d-dar. Ma nafx x'fettilli. Imma hi aċċettat bla tlaqliq u f'ħakka t'għajn kienet maġenbi fi triqitha lejn Birkirkara.

"Taħdem?" staqsietni wara ftit.

"Naħdem maz-ziju … fin-negozju …" weġibtha.

"Aħjar minni mela … għax aħna dejjem ħajja waħda!"

Ġa kont se nistaqsiha x'kien ix-xogħol tagħha meta ftakart li d-darba l-oħra semmietli xi ħaġa dwar tajpisti u mhux tajpisti. Imbagħad staqsietni mnejn kont, x'kien in-negozju tagħna u mitt ħaġa oħra. Iżda, ngħid is-sew, dakinhar ma ddejjaqtx daqs dik id-darba tal-film. Għall-inqas ma bqajtx niħmar kull darba li tħares lejja. Wassaltha d-dar u nfridna bla ma tlabtha nerġgħu niltaqgħu. Iżda d-destin donnu ried ta' bilfors iħabbatna wiċċ ma' wiċċ. Xi xahar wara rġajt rajtha s-suq tal-Belt, u did-darba nistqarr li kont jien li mort fuqha u kellimtha. U kont jien li stedintha mmorru flimkien sal-*Premier*, u kont jien li wara tlabtha nerġgħu niltaqgħu.

Dakinhar li kont wassaltha d-dar bil-karozza, wara li nfridt minn magħha, ħassejtni kuntent bla ma naf għaliex. Hena u dwejjaq imħalltin flimkien. Sogħobbija li ma tlabthiex biex nerġgħu niltaqgħu. Ħassejtni ninġibed lejha. Wiċċha baqa' quddiem għajnejja. Issa kont naf fejn kienet toqgħod u mhux darba jew tnejn kont se mmur indur bil-karozza lejn dawk l-inħawi, forsi nilmaħha. Iżda kont għadni m'iniex tant konvint. Imbagħad, meta bdew igerbu l-ġranet, ħassejt xi jgħidli biex nipprova ninsieha u ma naħlix ħin warajha. Iż-żonqor ġo fija kien għadu ma nħallx. Qtajtha li ma nħabbilx rasi aktar biha. Iddeċidejt li ninsa kollox.

Imma meta lmaħtha t-tielet darba, ħierġa mis-suq tal-Belt, iż-żonqor ġo fija tfarrak fix-xejn. Mort niġri fuqha u qbadt inlablab magħha qisni m'iniex jien. Dakinhar ma stajtx inkompli nidħak bija nnifsi, kelli nistqarr li lil dit-tfajla kont sirt inħobbha. Ma kellix aktar għalfejn niftaħ id-dizzjunarju u nfittex il-kelma "mħabba." Kont sirt naf x'inhi. Bdejt naraha fid-dija t'għajnejja, inħossha fit-truf ta' difrejja, fix-xewka ta' dahri. Meta rġajt sibt ruħi waħdi stħajjiltni iblah. Ma kontx naf x'se naqbad nagħmel bija nnifsi. Xtaqt inkanta u niżfen u naqbeż u nwerżaq u nxandar mal-erbat irjieħ li jien … Frans Ellul …. kont sirt bniedem ieħor.

[...]

**Wieġeb:**

a. Ikteb fil-qosor u fi kliemek il-ħsieb ta' din is-silta ta' proża. 4 marki

b. F'dawn iż-żewġ kwotazzjonijiet, in-narratur isemmi ż-żonqor: *"Iż-żonqor ġo fija kien għadu ma nħallx."* u *"...iż-żonqor ġo fija tfarrak fix-xejn."*
   (i) X'inhi l-figura tat-taħdit fiż-żewġ kwotazzjonijiet? marka
   (ii) Ikteb xi jrid ifisser l-awtur fiż-żewġ okkażjonijiet. 4 marki

*aqleb wara.*

ċ. (i) Xi nsiru nafu dwar il-karattru tal-awtur minn dak li naqraw fil-paragrafu li jibda: *"Dakinhar li kont wassaltha d-dar …"*? 2 marki
(ii) Ikteb kwotazzjoni mis-silta biex tagħti prova ta' dan. marka

d. Nagħmlu sewwa jekk ngħidu li din is-silta għandha tagħmel sehem mit-tema **Tifkiriet**? Għid għaliex. 3 marki

## IT-TIENI TAQSIMA:
## Il-Komponiment Letterarju

Ikteb komponiment letterarju ta' madwar **200 kelma** fuq Tema minn Sezzjoni A u ieħor fuq Tema minn Sezzjoni B. (35 marka kull waħda)

### Sezzjoni A

**5a. Tema: Ġrajja u Identità**

Billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża, fisser kif il-poplu Malti wera patrijottiżmu u fidi, skont dak li studjajt fit-tema **Ġrajja u Identità**.

JEW

**5b. Tema: Il-Protesta**

Billi tirreferi għal mill-inqas żewġ poeżiji u/jew siltiet ta' proża, ikteb dwar kif il-kittieba jesprimu d-dispjaċir tagħhom meta jaraw l-ambjent jinqered kif jidher fit-tema **Il-Protesta**.

### Sezzjoni B

**6a. Tema: Ir-Rispett fil-Familja**

L-ulied jimlew id-dar, u l-ġenituri jagħmlu kollox għalihom. Min m'għandux ulied, jara kif jimla l-vojt li jħoss f'qalbu. Iddiskuti dan l-argument skont dak li studjajt fit-tema **Ir-Rispett fil-Familja**.

JEW

**6b. Tema: Karattri**

Bniedem jista' jkun bieżel, ġellied, juri wiċċ b'ieħor, jew jaf imur man-nies. Agħżel tnejn minn dawn il-karatteristiċi u fisser kif insibuhom fin-nies li jissemmew fil-poeżiji jew siltiet ta' proża li studjajt fit-tema **Karattri**.